# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 319 – It-Tnejn 2 ta' Mejju 2016

## AĠENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Mozzjonijiet
5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 318 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Speed hump biswit il-kumpless tal-Pulizija f'Ta Kandja.**

Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda żviluppi dwar din il-materja, madankollu għandu jerġa' jitkellem mal-pulizija.

**2.2 Bini ta' Rziezet tal-baqar f'San Niklaw**

Is-Sindku qal li l-appell kien ġie ippreżentat u se jibda jinstema' fit-18 ta' Mejju. Il-punti li dwarhom il-Kunsill qed jappella huma (i) dwar l-għażla tal-post; (ii) il-viċinanza tad-Dar tal-Providenza, u (iii) l-iskedar li kien hemm diġà.

**2.3 Il-Payground Nalizerperla**

Is-Sindku qal li x-xogħolijiet mexjin kif ippjanat u dawn mistennija li jitlestew sat-tieni ġimgħa ta' Ġunju.

Rigward il-materjal tal-bandli li nqalgħu, is-Sindku qal li fil-mument opportun dawn jitpoġġew minflok dawk li hemm Lapsi.

**2.4 Triq Mons.Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Aġenzija tal-Gwardjani (LESA) fejn insista li għandha tittieħed deċiżjoni kemm jista' jkun malajr u b'mod pożittiv dwar it-talba tal-Kunsill għall-i*speed cameras.* Sabiex jitħaffef il-proċess, il-Kunsill se jqabbad espert biex jagħti l-parir tiegħu jekk hemmx il-ħtieġa ta' *speed camera/s* skont il-kriterji ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li kien kellem lis-sur Mario Buttigieg li huwa espert tal-Qorti u tah il-*brief* dwar din il-materja. Jekk id-deċiżjoni tkun favorevoli dawn l-ispeed camera/s jitwaħħlu mil-LESA.

# 3 FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Rapport Finanzjarju 2015**

# 4 HWEJJEĠ OHRAJN

**4.1 Trjeqet l-Anġli**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li din se ssir one-way mit-9 ta' Mejju.

**4.2 International Awareness Day favur dawk li jbatu bl-ME, CFS u l- Fibromyalgia**

Il-Kunsillier fakkar f'din l-attività u s-Sindku qal li fil-11 u t-12 ta' Mejju l-faċċata tal-Kunsill tinxtegħel blu.

**Attività fil-Pjazza mill-Malta Arts Festival**
Is-Sindku qal li ikkomunika miegħu is-sur Sean Buhagiar li huwa d-direttur artistiku tal-Malta Arts Festival biex waħda mir-rappreżentazzjonijiet tagħhom issir fi Pjazza San Nikola f'Lulju li ġej. Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tintlaqa'.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4 Rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Bord tal-AP**
Is-Sindku qal li l-Awtorità tal-Ippjanar kitbet lill-Kunsill dwar il-bidla fil-Liġi fejn meta jkun hemm applikazzjonijiet kbar, il-Kunsill jibda jkollu rappreżentant fuq il-Bord bid-dritt tal-vot. L-Awtorità qed titlob li l-Kunsill jikkonferma min se jkun ir-rappreżentant tiegħu fuq dan il-Bord.

Is-Sindku kompla jgħid li bil-permess tal-Kunsill huwa jkun jista' jattendi. Madankollu stqarr li jixtieq jirreġistra d-diffikultà dwar l-anomalija ta' meta l-Kunsill jagħti l-fehma tiegħu qabel u waqt id-diskussjoni ta' proġetti li jkunu se jsiru fil-lokalità, imbagħad ir-rappreżentant tal-Kunsill irid imur fil-bord u jiddeċiedi dwar dawn l-istess proġetti. Dan allura jaffetwa l-imparzjalità. Dan jista' joħloq kunflitt.

Is-Sindku qal li kien se jwassal din il-pożizzjoni u jfisser li filwaqt nużaw id-dritt tal-vot, nibqgħu neżerċitaw id-dritt li nagħtu l-opinjoni tagħna dwar il-każijiet involuti.

**4.5 Rubber bumps fi Triq Dun Manwel Zammit**
Is-Sindku qal li t-talba li kien għamel il-Kunsill ma' TM biex jinbidlu l-ispeed bumps li hemm għal rubber *speed bumps* ġiet miċħuda. Is-sur Julian Borg qal li għandna niktbu mill-ġdid lil TM fejn tintalab ir-raġuni tar-rifjut u nirreġistraw li l-Kunsill għadu jinsisti li jinbidlu.

**4.6 Parking spaces fi Triq San Nikola**
Is-Sindku qal li kien hemm każ fl-imsemmija triq ta' 4 parking spaces, wieħed minnhom quddiem *garage* li ma kienx qed jintuża. Issa s-sid għandu permess biex iwessa' l-fetħa tal-*garage* u biex dan jerġa' jibda jintuża. B'hekk kellu jonqos *parking space*. Is-soluzzjoni kienet li jitneħħew żewg *parking spaces*, issir kaxxa safra quddiem il-*garage* u parti quddiem id-dar biswit l-istess *garage*.

Wara li xi ħadd ilmenta ma' TM u l-Kunsillġie ordnat biex din il-kaxxa safra titneħħa u jisru żewġ *double yellow lines* biswit il-*garage*. Dan ikun ifisser li jintilef spazju ta' karrozza.

Is-Sindku għandu jifformola tweġiba lil TM.

**4.7 Festa San Nikola**

Is-Sindku għandu jħejji l-laqgħat mal-għaqdiet; għal darb'oħra se jiġu organizzati diversi wirjiet fiċ-Ċentru Ċiviku.

**4.8 Ħarġa Kulturali f'Sant'Anġlu**

Il-Viċi Sindku qalet li b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta se tiġi organizzata ħarġa kulturali fil-Kastell ta' Sant'Anġlu nhar is-27 ta' Mejju.

**4.9 Mirja fi Blat il-Qamar**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hemm il-ħtieġa ta' żewġt'mirja faċċata ta' garage, nru. 54 fi Triq Blat il-Qamar.

**4.10 Kampanja Edukattiva mill-Wasteserv**

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li bħalissa għaddejja kampanja bieb bieb dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart domestiku minn 15-il student bil-kollaborazzjoni tal-Wasteserv. Dawn iffukaw fuq siti sensittivi bħalma huma l-housing estates.

**4.11 Talba għal Triq il-Wied**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar semma l-ħtieġa li jsir **stop sign** kif ukoll il-bankina tal- imsemmija triq.

**4.12 Sports Day fil-ġimgħa tal-Festa**

Il-Kunsillier Dominci Grech qal li diversi uffiċjali ta' għaqdiet sportivi qed juru x-xewqa li terġa' ssir l-isports day fil-ġimgħa tal-festa. Hu ippropona li din tista' ssir fil-jum tat-Tlieta.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.13 Irtirar tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku qal li din se tkun l-aħħar seduta b'mod uffiċjali ta' Nikol Baldacchino bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid li jixraq li l-Kunsill jirringrazzjah ta' kważi għaxar snin ħidma tiegħu.

Huwa kompla jgħid li tajjeb li nfakkru li f'dan il-perjodu sar ammont kbir ta' xogħol. Kien ukoll perjodu li bħala Kunsill dħalna għal ċerti *commitments* li kienu pjuttost kbar, bħala ma huma ċ-Ċentru Ċiviku u r-*refurbishment* ta' Tal-Għolja.

Barra minn hekk, teżisti atmosfera pożittiva ħafna fost l-istaff, minkejja ċertu nuqqasijiet. Dan wassal biex żammejna l-fama li għandna kunsill li jiffunzjona. Filwaqt li irringrazzjah hu qal li sakemm ikun hawn is-segretarju l-ġdid tkun disponibbli bis-servizz tiegħu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2016**